**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 423/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Fabri**

Illum 19 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Anthony Fabri, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 153260(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Settembru, 2017 għal ħabta ta' bejn 03:00hrs ġewwa l-komun tal-Blokka Bellavista Court, Triq il-Qratas, Swieqi:

1. Ħebb kontra Karina Oliveira Da Costa u kkaġunala ġrieħi ta' natura ħafifa, skond ma' ċċertifika Dr. Sapna S. Hajeta MD reg. 3736 mill-Isptar St. James;

2. Inġurja jew hedded lil Karina Oliveira Da Costa bil-kliem;

3. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor (nuċċali tal-vista) għad-detriment ta' Karina Oliveira Da Costa liema ammont jiswa 420 euros.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2018 li wara li rat l-Artikoli 17, 31, 221(1), 339(1)(e) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu:

1. għall-piena ta' priġunerija ta' xahar, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28 A tal- Kap 9, jibqgħu sospiżi għall-perjodu ta' sentejn;

2. In oltre, u bis-saħħa tal-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lil ħati Anthony Fabri sabiex iħallas lil Karina Oliveira Da Costa bħala kumpens s-somma ta' €420 fi żmien xahar mill-mument li s-sentenza ssir *res judicata*;

3. In oltre, peress illi dehrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Karina Oliveira Da Costa, l-Qorti rabtet lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elfejn Euro (€2000) għal żmien sena u dana ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Fabri, ppreżentat fis-26 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li l-Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda riprodotta u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in suċċint l-appellant qiegħed jisħaq illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan peress illi l-verżjoni tal-fatti kif esposta minnu hija aktar verosmili minn dik mogħtija mill-kwerelanti li fix-xiehda tagħha mhijiex konsistenti, biex b'hekk allura l-pern tal-appell idur madwar l-apprezzament tal-provi magħmul in prim'istanza. Jisħaq iżda illi anke fl-ipoteżi illi l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tal-kwerelanti, xorta waħda l-elementi tar-reat li dwaru jinsab mixli ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest fil-liġi. Mhux biss iżda jisħaq illi rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli illi kien hu vittma ta' agressjoni mill-parti offiża u mhux *viċe-versa*. Jilmenta wkoll illi d-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni konsistenti fiċ-ċertifikat mediku u r-riċevuta tan-nuċċali tal-parti leża li nkiser matul l-inċident, m'għandhomx valur probatorju u dan peress illi ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament minn min irrilaxxjhom. Finalment l-appellant jitlob li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tiġi varjata għal waħda aktar ekwa u ġusta.

**Ikkunsidrat*:***

Illi spjanati l-aggravji imqanqla mill-appellant minn fejn jemerġi illi l-ilment ewlieni tiegħu huwa marbut mal-apprezzament tal-provi, kif inghad, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali u wkoll kellha ix-xorti tisma' lill-ko-litigandi jixhdu quddiemha, flimkien ma' dawk ix-xhieda li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Mhux biss iżda

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

setgħet tapplika r-regoli mfassla fl-artikoli 636 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali[2],[3] għal ġudizzju aħħari tagħha.

Illi il-fatti ta' dan il-każ jikkonċernaw divverbju li nqala' bejn l-parti leża u l-appellant meta il-vettura tal-appellant kienet qed timblokka l-entratura għal garaxx fejn il-parti offiża kienet tipparkeġġja il-vettura tagħha. Dan l-inċident seħħ fit-23 ta' Settembru 2017 fil-ħinijiet bekrin ta' filgħodu fil-partijiet komuni tal-blokka ta' appartamenti bl-isem "Bella Vista Court", Triq il-Qratas, Swieqi. Il-parti leża fix-xiehda tagħha tispjega li hija irrinkażat għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu, iżda meta ppruvat tidħol fil-garaxx tagħha sabet il-karrozza tal-appellant timblokka l-aċċess għalih. Hi ppruvat tipparkja x'imkien ieħor inutilment fejn hemmhekk iddeċidiet li tqajjem lil ġar tagħha sabiex titolbu iċċaqlaq il-vettura tiegħu. Kif ħabtet il-bieb l-appellant fetaħ u skont il-verżjoni tal-parti leża beda jidgħi w igħaddi kummenti dispreġattivi fil-konfront tagħha. Meta reġa' daħal ġewwa, l-parti leża mbottat il-bieb, iżda l-appellant kien pront sabtilha l-bieb f'wiċċha. Ftit wara reġa' ħareġ, u Oliveira da Costa staqsietu meta kienet naqsitu mir-rispett. Hemmhekk hu qalilha biex ma tkellmux u nsulentha u hawn da Costa tgħid li mbuttatu. L-appellant irreaġixxa u ħebb għaliha u l-parti leża tallega li hu beda jsawwatha. Safrattant mart u bint l-appellant baqgħu ġewwa l-appartament. Da Costa tgħid li ppruvat tiddefendi lilha nnifisha u bdiet issejjaħ għall-għajnuna. F'din il-kollutazzjoni tgħid li inkisrilha n-nuċċali li kienet liebsa u fil-fatt eżebit riċevuta tal-valur ta' dan in-nuċċali. Ġie ppreżentat ukoll ċertifikat mediku dwar il-ġrieħi ħfief minnha allegtament sofferti f'dan l-inċident. L-appellant minn naħa tiegħu jagħti verżjoni dijametrikament opposta għal dik tal-parti leża meta jisħaq illi kienet Oliveira da Costa li bdiet tgħajjat miegħu u li ppruvat tidħol fil-propjeta' tiegħu mingħajr permess u ukoll mbuttatu darbtejn allavolja talabha ma tmissux. Ikompli igħid li din saħansitra ħebbet għalih u anke sofra ġrieħi ħfief f'din it-taqbida u anke eżebixxa ċertifikat mediku bħala prova ta' dan il-fatt. Illi madanakollu l-affidavit ippreżentat

---

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

mit-tabib li ċċertifika dawn il-ġrieħi mhuwiex għal kollox kompatibbli maċ-ċertifikat mediku u dan għaliex filwaqt li fiċ-ċertifikat mediku hemm imnizzla grieħi konsistenti fi brix jew abrażjonijiet fuq in-naħa tal-lemin tal-għonq, u brix fuq l-id ix-xellugija flimkien ma' uġigħ fl-għonq, fl-affidavit tiegħu imbagħad it-tabib Shahzad Arain igħid li il-ġrieħi, li kienu ħfief, kienu jikkonsistu fi brix fuq in-naħa xellugija tal-id u l-għonq.

Issa l-Qorti setgħet tifhem illi kemm il-parti leża kif ukoll l-appellant kienu xi ftit jew wisq irrabbjati għal xulxin, bil-parti leża ġustament tħossha urtata għal fatt illi l-vettura tal-appellant kienet qed tibblokalha l-aċċess ghal garaxx u allura f'dawk il-ħinijiet bekrin ta' fil-għodu ma setatx issib parkeġġ. L-appellant minn naħa tiegħu kien urtat ukoll għal fatt illi f'dawk il-ħinijiet il-parti leża għogobha tqajjmu mir-raqda u ħabbtitlu mal-bieb ta' barra sabiex johrog u jċaqlaq l-vettura tiegħu. Illi l-Qorti madanakollu tqies illi kien l-aġir tal-appellant li wassal għal dan l-inċident, meta minflok skuża ruħu talli ipparkeġġja proprju quddiem id-daħla ta' garaxx u ħoloq inkonvenjent għal ġara tiegħu, huwa għoġbu juri r-rabbja tiegħu fil-konfront tal-parti leża, b'din tal-aħħar tirreaġixxi meta rat din in-nuqqas ta' koperazzjoni u ta' sens ta' bwon viċinat. Fuq kollox il-parti leża ippruvat ma tiskomodax lill-appellant mir-raqda tiegħu meta tgħid li għamlet l-almu tagħha biex issib parkeġġ alternattiv għal dak li kellha fil-kumpless tal-garaxxijiet meta ndunat li ma setatx taċċedi għalih billi daret darbtejn mal-blokka inutilment.

Il-Qorti ma tistax lanqas ma tosservax illi hemm partijiet mid-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem din il-Qorti illi mhumiex konsistenti mal-verżjoni rilaxxata minnu lill-pulizija fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni u anke ma' dik mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-fatt minn qari tas-sentenza appellata tirriżulta il-verżjoni tal-fatti mogħtija quddiem dik il-Qorti mill-appellant fejn hemmhekk huwa igħid li meta ħareġ fl-indana tat-taraġ intefa id-dawl u ma jafx x'gara iżda jaf li hu u l-parti leża ġew fl-idejn, meta quddiem din il-Qorti ighid testwalment hekk:

> ***"Kont qbiztha, it-tieni darba li mbuttatni kont qbiztha jiena. U kont wasalt fejn it-tarag. Dak il- hin kellha mazz cwievet f' idejha u bdiet ixxejjer bl–amment u twerzaq. U jiena kont diga' qieghed fl–ewwel targa."***

Biex b'hekk f'din it-tieni verżjoni donnu li l-appellant jindika illi ma kienx hemm taqbida bejnu u bejn Oliveira da Costa, kif hemm indikat li qal fis-sentenza appellata. Il-parti leża, minn naħa tagħha baqgħet konsistenti u anke ammettiet illi kienet imbuttat lill-appellant. Il-Qorti lanqas ma għandha dubbju illi l-appellant uża kliem dispreġġattiv fil-konfront tal-parti leża. Mart l-istess appellant, Rita Fabri, li x'aktarx kienet ġewwa l-appartament, u anke f'xi ħin jidher li ħarġet barra, konvenjentement ma tixħet l-ebda dawl fuq l-akkadut peress illi tgħid li ma rat xejn minn dak li seħħ, ħlief li semgħet lil parti leża tgħajjat wara li l-qanpiena tagħhom daqqet tlett darbiet. Iżda dak li seħħ wara jaħarbilha mill-viżta tagħha, inkluż allura ukoll dik il-parti fejn allegatament da Costa ħebbet għal żewġha w ikkaġunatlu il-ġrieħi minnu lmentati. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi għandha toqgħod fuq il-verżjoni tal-fatti kif esposta mill-parti leża billi din hija waħda aktar verosimili.

***Ikkunsidrat:***

Illi stabbilit għalhekk illi l-verżjoni tal-parti leża hija l-iktar waħda attendibbli, jifdal biex jiġu kkunsidrati l-aggravji rimanenti fosthom dak li jirrigwarda l-valur probatorju taċ-ċertifikat mediku prodott mill-parti leża. Jingħad illi mill-atti jirriżulta illi dan iċ-ċertifikat huwa rapport maħruġ mit-tabib Dr. Sapna S. Hajela bin-numru ta' reġistrazzjoni 3736 ġewwa l-isptar St. James. Id-dokument huwa fl-oriġinal tiegħu iffirmat u ttimbrat mit-tabib li irrilaxxah u li fih id-dettalji personali tat-tabib. Dan id-dokument allura ma jistax jitqies illi huwa inammissibbli bħala prova u dan fid-dawl ta' dak imfassal fl-artikolu 646(7)[4] tal-Kodiċi Kriminali. Ma jidhirx mill-atti proċesswali illi l-appellant f'xi ħin quddiem l-Ewwel Qorti ikkontesta l-valur probatorju taċ-ċertifikat mediku għaliex ma kienx ikkonfermat bil-ġurament mit-tabib li irrilaxxjah, u kien biss issa fi stadju ta' reviżjoni li ressaq dan l-ilment. Illi *di piu* il-grieħi riskontrati mit-tabib u indikati fiċ-ċertifikat li ġie rilaxxat proprju ftit tal-ħin

[4](7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jinġieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu t-timbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċ-ċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lill-imsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u viva voce, u l-qorti tista' wkoll ex officio tordna dak l-eżami.

wara l-inċident, huwa konfortat mir-ritratti eżebiti mill-parti leża ta' ħmura f'wiċċha u ħaddejha li jikkonfermaw dak iċċertifikat mit-tabib bhala "*redness over right cheek*".

Illi l-appellant jattakka ukoll il-valur probatorju tal-irċevuta ppreżentata mill-parti leża tal-valur tan-nuċċali tal-viżta li inkiser fl-inċident, liema prova hija marbuta mat-tielet imputazzjoni tal-ħsara volontarja. Din l-irċevuta qatt ma ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-persuna li rrilaxxaha. *In oltre* l-appellant jinsisti illi ma jirriżultax mill-provi jekk in-nuċċali inkisirx b'tortijiet imputabbli lilu u lanqas il-parti leża ma kienet f'pożizzjoni tispjega kif seħħ dan il-fatt. Illi huwa indubitat illi n-nuċċali tal-parti leża inkiser waqt it-taqbida li kien hemm bejnha u bejn l-appellant u mhux għal xi raġuni oħra, għal liema inċident kien jaħti unikament l-istess appellant. Il-parti leża tikkonferma dan il-fatt u tippreżenta riċevuta tal-akkwist ta' dan in-nuċċali fejn tispjega illi dan ġie minnha mixtri xi żmien qabel mill-Portugal. Tikkonferma illi hija għamlet kuntatt mal-bejjiegħ li bagħtilha, permezz ta' ittra elettronika, kopja ta' riċevuta ta' akkwist. Tikkonferma bil-ġurament tagħha illi hija kienet xtrat in-nuċċali għal prezz indikat f'dan id-dokument. Infatti minn analiżi tad-dokument li jinsab eżebit a folio 20 tal-atti jidher isem il-parti leża fuq l-istess, d-data meta sar l-akkwist u minn fejn, u il-prezz tal-istess.

Din l-informazzjoni tindika illi l-akkwist kien sar tlett snin qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-parti leża inoltre tonqos milli tindika jekk dan in-nuċċali fil-fatt setax jissewwa għal prezz inferjuri u xi ħsara kien fih. Dan ifisser illi filwaqt illi l-Qorti jidrilha li d-depożizzjoni tal-parti leża hija waħda attendibbli, madanakollu hija nieqsa il-prova dwar il-ħsara riskontrata minnha. Dan magħdud madanakollu,

> **"Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kulljum tal-ġudikant, tkun tista' tagħmel il-valutazzjoni tagħha tal-ammont tal-ħsara (jew tal-valur ta' l-oġġett misruq) fis-sens li tistabbilixxi jekk ikunx inqabeż jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-liġi (eż. jekk hux aktar minn għaxar liri, aktar minn ħamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'għandux jitqabbad perit biex jagħmel stima ta' l-oġġett jew oġġetti in kwistjoni proprju għax tali valutazzjoni ma tkunx "tinħtieġ hila jew sengħa speċjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjeż ta' tali perizja u d-dewmien li din neċessarjament iġġib ikunu inutili u għalhekk ingustifikati.[5]**

[5] Pulizija vs Joseph Cutajar deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-Sede Inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-23 ta' Settembru 2005.

Illi spjanat dan l-insenjament ġurisprudenzjali, għalkemm il-Qorti tistqarr illi l-ħtija għar-reat maħsub fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali jirrizulta ippruvat, madanakollu fid-dawl tad-dubbju li jinsorġi mill-provi dwar il-valur tal-ħsara sofferta mill-parti leża, dan id-dubbju għandu jimmilita favur l-appellant biex b'hekk ser tiġi applikata il-piena maħsuba fis-subartikolu (c) ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biex il-Qorti tqies l-aħħar aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva. Iqies illi għas-sejbien ta' ħtija għall-offiża ħafifa fuq il-persuna tal-parti leża kellha tingħata l-piena maħsuba għal kontravenzjonijiet u mhux dik tal-priġunerija. Illi għalkemm l-appellant għandu raġun, madanakollu huwa ġie misjub ħati ukoll tar-reat tal-ħsara volontarja liema reat iġorr miegħu il-piena ta' ħabs. Illi jibda biex jingħad illi għalkemm il-Qorti ser issib ħtija għar-reat tal-ħsara volontarja kif maħsub taħt is-sub inċiż (c) u mhux (b), madanakollu billi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għar-reat taħt is-sub-inċiż minnha iċċitata fis-sentenza finali hija inqas minn dik maħsuba fil-liġi, u dan fid-dawl tal-emendi introdotti permezz ta'l-Att XXIV tal-2014, kwindi hija tal-fehma illi it-terminu ta' xahar priġunerija sospiża għal sentejn bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandux jiġi varjat. Illi madanakollu b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H, il-ħsara li għandu jħallas l-appellant lil parti leża għandha tkun dik ta' €150 in linja ma' dak hawn fuq deċiż, liema ammont l-Qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* u dan wara li rat ir-ritratt eżebit mill-parti offiża[6] u qieset il-fatt ukoll illi in-nuċċali kien ilu mixtri tlett snin. Il-Qorti ser tieħu kont ukoll ta' dak mistqarr mill-parti leża illi hija għadha tbati minn anzjeta' sal-lum kaġun ta' dan l-inċident. Illi allura il-Qorti hija tal-fehma illi l-obbligazzjoni imposta fuq l-appellant b'penali ta' €2000 għal żmien sena skond dak maħsub fl-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, m'għandhiex tiġi mittiefsa.

[6] Fol.19 tal-proċess

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*. Tgħaddi għalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant Anthony Fabri ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, madanakollu tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn sabet ħtija taħt is-sub-inċiz (b) għal-artikolu 325 u minflok issib ħtija taħt is-sub-inċiz (c) ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie ikkundannat għal piena ta' xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal sentejn, li għandhom jibdew jiddekorru mil-lum, u fejn ġiet imposta il-garanzija *ai termini* ta'l-artikolu 383 ta-Kodiċi Kriminali taħt penali ta' €2000 għal żmien sena, li għandha tibda tiddekorri mill-lum, iżda tvarja is-sentenza appellata fl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tgħaddi biex tikkundanna lill-appellant iħallas lil parti leża Karina Oliveira da Costa is-somma ta' €150 rappreżentanti l-ħsara sofferti minnha f'dan l-inċident, liema ħlas għandu jsir fi żmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant l-obbligi tiegħu skont il-liġi naxxenti minn din is-sentenza.

Edwina Grima
Imhallef